**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors nru: 205/2016 CFF**

**THOMAS DJAFARI, JORGE ALVAREZ, U L-AVUKAT DR MALCOLM MIFSUD A NOM U IN RAPPREZENTANZA TA' L-ASSENTI THOMAS GLASS U JAMSMIN BONSHOR**

**VS**

**TRC FAMILY ENTERTAINMENT LIMITED**

**Illum 6 ta' Novembru 2018**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tal-attur fejn talab li s-socjeta' konvenuta tigi kkudannata thallas is-somma ta' (€13,785.51) rapprezentanti f'pagi u beneficcji li s-socjeta' konvenuta naqset milli thallas, oltre l-imghax legali bl-ispejjez kontra taghha li minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat **ir-risposta** tas-socjeta' TRC Family Entertainment Ltd fejn esponiet:

1. Preliminarjament, it-talba ta' l-atturi hija preskritta ai termini tal-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, l-atturi ghandhom tal-inqas jispjegaw il-pretenzjoni ta' kull wiehed mir-rikorrenti u l-ammont li kull individwu qieghed jippretendi mis-socjeta' intimata. Addizzjonalment, l-atturi ghandhom kollha kemm huma, igibu prova tat-talbiet taghhom.

Bl-ispejjez u salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Jorge Alvarez jghid li kien impjegat mal-kumpanija TRC Family Entertainment Limited mis-sena 2012, izda fl-2014 din il-kumpanija kienet infurmat lill-impjegati taghha li kienet ghaddejja minn xi problemi finanzjarji u talbithom sabiex ikomplu jahdmu u jircievu l-paga taghhom xi zmien wara. F'Gunju, 2014 meta suppost l-impjegati kellhom jithallsu l-paga taghhom, is-CEO tal-kumpanija Paul Taylor sejjah ghal laqgha u nfurma lill-impjegati li kien hemm xi problemi fil-kompjuter u li ma setghux ihallsu l-pagi dak iz-zmien. L-impjegati saru jafu li fil-verita', il-kumpanija kellha problemi mal-investituri taghha u ma kienx hemm flus sabiex jithallsu l-pagi. Il-kumpanija talbet lill-impjegati sabiex jibqghu lejali lejn il-kumpanija u jibqghu jahdmu sakemm tissolva l-problema, izda jekk kien hemm min xtaq jitlaq, dan seta' jaghmlu. F'Settembru, 2014 il-kumpanija terminat l-ingagg tal-impjegati kollha taghha u xi xhur wara, Jorge Alvarez ircieva l-paga tieghu ta' Lulju u Awwissu izda mhux ta' Settembru 2014.

Thomas Djafari jghid li kien impjegat mal-kumpanija TRC Family Entertainment Limited mis-sena 2013 bhala Manager, izda fl-2014 din il-kumpanija kienet infurmat lill-impjegati taghha li kienet ghaddejja minn xi problemi finanzjarji u talbithom sabiex ikomplu jahdmu u jircievu l-paga taghhom xi zmien wara. F'Gunju, 2014 meta suppost l-impjegati kellhom jithallsu l-paga taghhom, is-CEO tal-kumpanija Paul Taylor sejjah ghal laqgha u nfurma lill-impjegati li kien hemm xi problemi fil-kompjuter u li ma setghux ihallsu l-pagi dak iz-zmien. L-impjegati saru jafu li fil-verita', il-kumpanija kellha problemi mal-investituri taghha u ma kienx hemm flus sabiex jithallsu l-pagi. F'Settembru 2014, il-kumpanija terminat l-ingagg tal-impjegati kollha taghha. Is-sur Djafari jghid li bi zvista l-Labour Office ma kienux inkludewh fil-claim li ghamlu u ammettew li kienu ghamlu zbalji simili ma mpjegati ohra. Izid jghid li ircieva l-paga ta' Lulju u Awwissu izda mhux ta' Settembru, 2014. Thomas Djafari kellu xi oggetti li kienu jappartjenu l-kumpanija u kien qed jirriskontra problemi sabiex jerga' jirritornahom

stante li la l-manager precedenti ma kelmu, l-ufficju kien maghluq u anke l-Avukat ta' TRC irrifjuta li jiehu pussess ta' dawn l-oggetti. Craig Robinson infurmah li seta' jzomm l-oggetti stante li l-valur taghhom kien ekwivalenti ghal paga tieghu ta' Settembru, izda Thomas Djafari ma ghandu l-ebda interess fl-oggetti u xtaq il-paga tieghu. Meta kien tkellem ma kumpanija ta' Avukati Camilleri Preziosi, dawn infurmawh li huma kellhom x'jaqsmu ma pagamenti biss u li jekk xtaq jinsisti li jiftah claim ghar-rigward il-paga tieghu, dan kellu jaghmlu fil-konfront ta' Simon Smith li huwa shareholder ta' TRC, izda kuntratt ta' ingagg qatt ma kellu ma dan Simon Smith.

Brian Glass jghid li kien impjegat mal-kumpanija TRC Family Entertainment Limited mis-sena 2012, izda f'Mejju tal-2014 din il-kumpanija kienet infurmat lill-impjegati taghha li kienet ghaddejja minn xi problemi finanzjarji u talbithom sabiex ikomplu jahdmu u jircievu l-paga taghhom xi zmien wara. F'Gunju, 2014 meta suppost l-impjegati kellhom jithallsu l-paga taghhom, is-CEO tal-kumpanija Paul Taylor sejjah ghal laqgha u nfurma lill-impjegati li kien hemm xi problemi fil-kompjuter u li ma setghux ihallsu l-pagi dak iz-zmien. L-impjegati saru jafu li fil-verita', il-kumpanija kellha problemi mal-investituri taghha u ma kienx hemm flus sabiex jithallsu l-pagi. Il-kumpanija talbet lill-impjegati sabiex jibqghu lejali lejn il-kumpanija u jibqghu jahdmu sakemm tissolva l-problema, izda jekk kien hemm min xtaq jitlaq, dan seta' jaghmlu. Brian Glass ghazel li jibqa' jahdem mal-kumpanija izda f'Settembru, 2014 il-kumpanija terminat l-ingagg tal-impjegati kollha taghha u xi xhur wara, Jorge Alvarez ircieva l-paga tieghu ta' Lulju u Awwissu izda mhux ta' Settembru 2014. Il-Labour Office kienu hadu d-dettalji ta' Brian Glass sabiex jifthu claim kontra l-kumpanija izda peress li l-visa tas-sur Glass kien skada, kellu jitlaq lura lejn pajjizu. Xi xhur wara rcieva l-paga tieghu ta' Gunju, Lulju u Settembru, stante li ghax-xahar ta' Awwissu rcieva pagament parzjali. Izid jghid li hu b'kollox ircieva l-ammont ta' €6066.95 izda l-payslips kienu jammontaw ghal €7939.09 u allura hemm diskrepanza ta' €1872.14 li ghadhom dovuti lilu. Meta kien tkellem ma kumpanija ta' Avukati Camilleri Preziosi, dawn infurmawh li huma kellhom x'jaqsmu ma pagamenti biss u li jekk xtaq jinsisti li jiftah claim ghar-rigward il-paga tieghu, dan kellu jaghmlu fil-konfront ta' Simon Smith li huwa shareholder ta' TRC, izda kuntratt ta' ingagg qatt ma kellu ma dan Simon Smith.

Jasmine Bonshor tghid li kienet impjegata mal-kumpanija TRC Family Entertainment Limited minn Gunju 2012 sa Settembru 2014. F'Mejju 2014, il-kumpanija TRC Family Entertainment Limited infurmat lill-impjegati taghha li kellha diffikultajiet finanzjarji u li ma setghux ihallsu l-pagi tax-xahar, izda li kienu se jhallsu lill-impjegati taghhom fi zmien qasir. Jasmine Bonshor iddecidiet li tkompli tahdem mal-kumpanija fuq bazi full-time. Hekk kif ghadda ftit zmien u l-pagi regghu ma thallsux, il-kumpanija talbet li l-impjegati jibqghu lejali lejha u jkomplu jahdmu sakemm tissolva l-problema ta' flus, izda jekk kien hemm xi mpjegati li xtaqu jitilqu, dan setghu jaghmluh. Jasmine Bonshor iddecidiet li tkompli tahdem mal-kumpanija fuq bazi part-time. F'Settembru, 2014 il-kumpanija terminat l-ingagg tal-impjegati kollha taghha u xi xhur wara, Jasmine Bonshor irceviet il-pagi tax-xhur ta' Mejju, Gunju, Lulju u Awwissu, izda ghax-xahar ta' Settembru ma rceviet xejn. Izzid tghid li hija giet infurmata li jekk xtaqet tinsisti li tiftah claim ghar-rigward il-paga taghha, din kellha taghmlu fil-konfront ta' Simon Smith li huwa shareholder ta' TRC, izda kuntratt ta' ingagg qatt ma kellha ma dan Simon Smith.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti rat in-nota ta' l-atturi a fol 12 tal-process fejn il-partijiet jindikaw li kollha kemm huma huma dovuti somma flus in kwantu paga ghax-xahar ta' Settembru 2014.

Jorge Alvarez Granado jikkonferma dan fl-affidavit tieghu a fol 21 tal-process.

Thomas Djafari jikkonferma dan ukoll fl-affidavit tieghu a fol 23 tal-process.

Brian Glass jikkonferma dan ukoll fl-affidavit tieghu a fol 28 tal-process.

Jasmine Bonshor tikkonferma dan ukoll fl-affidavit taghha a fol 33 tal-process.

Jirrizulta li f'Awwissu 2017 il-kumpanija konvenuta infurmat lill-atturi li l-kumpanija kienet dahlet fi problemi finanzjarji u ddecidiet li tibda *redundancy process.*

Permezz ta' ittra a fol 39 jirrizulta li Thomas Djafari spicca mix-xoghol minn mal-kumpanija konvenuta fis-27 ta' Settembru 2014.

Is-socjeta' konvenuta qed tibbaza l-eccezzjoni taghha li dawn il-proceduri huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 2147(g) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-atturi jghidu li hemm ukoll l-Artikolu 2148(d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, izda jikkontendu li l-perjodu preskrittiv huwa ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2149(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress li l-Artikolu 2149(c) jghid hekk, *"azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu;"* Huma jikkontendu li huma professjonisti u huma nies ikkwalifikati li jezercitaw professjoni libera.

Il-Qorti ma taqbilx ma l-argument li l-atturi huma professjonisti li jezercitaw arti libera, primarjament ghaliex jirrizulta bic-car li l-atturi ma kienux qeghdin jahdmu ghal rashom f'dan il-kaz, anzi kienu impjegati mal-kumpanija konvenuta, irrispettivament mit-tip ta' xoghol li kienu qeghdin jaghmlu bhala impjegati fi hdan il-kumpanija, huma ma kienux qed jaghmlu dan ix-xoghol bhalma nghidu jkunu *self-employed.*

L-atturi jghidu li hemm terminu preskrittiv iehor li huwa l-Artikolu 2154 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jghid li azzjonijiet civili ghar-rigward dawk li hergin minn azzjonijiet kriminali, ir-regoli tal-preskrizzjoni hergin mill-Kodici Kriminali ghandhom japplikaw. Fil-process ma jirrizultax li kien hemm xi azzjoni kriminali jew li dan il-kaz kien frott ta' azzjoni kriminali allura l-Qorti ma ssibx li dan l-agrument iregi.

L-atturi jsemmu l-Artikolu 2148(d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Xoghol il-Qorti bhal issa huwa li tiddeciedi jekk l-azzjoni attrici hijiex preskritta skond l-Artikolu 2147(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni superjuri fl-ismijiet, *Josephine Vella u John Mizzi vs Korporazzjoni Enemalta,* datata 11 ta' Lulju 2008, il-Qorti ghar-rigward l-Artikolu 2147(c) qalet hekk,

*L-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili jipprovdi li:-*
*"l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, ta' l-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata, ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-fornituri li jkollhom jiehdu.", jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sena.*

*It-test Ingliz jaqra hekk:*
*Actions of domestic servants or the persons paid by the month of artificers or day labourers for the payment of their wages, salaries or the supplies due to them;*

*Dan il-provvediment mhu xejn ghajr traduzzjoni mit-test originali bit-Taljan tal-Artikolu 1911 tal-Ordinanza numru VII tal-1868 li kien jaqra hekk: "Le azioni dei domestici od altre persone stipendiate a mese, degli operaj e dei giornalieri, pel pagamento delle loro giornate, dei loro salarj, o delle somministrazioni loro dovute."*

*Il-Qorti hi tal-fehma li ghandha taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-*

*(a) Hemm distinzjoni apparenti bejn it-test Malti u dak Ingliz in kwantu fit-test Malti jinghad "ghall-hlas tal-granet tal-pagi" filwaqt li fit-test Ingliz jinghad "for the payment of their wages";*
*(b) Jidher li hemm lacuna in kwantu dan il-provvediment ma japplikax ghal dawk il-persuni li ghandhom is-salarji pagabbli mhux kull xahar. Dan ifisser li ghal dawn il-persuni japplika perjodu ta' preskrizzjoni itwal. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandu jkun hekk. Fil-kawza fl-ismijiet Paul Degiorgio vs Vincent Muscat deciza fit-8 ta' April 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, l-attur kien jahdem bhala chef u kien jithallas kull gimgha. L-attur harrek lill-principal tieghu ghall-hlas ta' salarju. Il-Qorti kkonkludiet: "Infatti l-artikolu 2147(c) fuq imsemmi jitkellem dwar persuni mhallsin bix-xahar, jew persuni ingaggati bil-gurnata ghall-hlas tal-granet tal-pagi. Fil-kaz in ezami izda jirrizulta li l-attur kien ingaggat u jithallas bil-gimgha u mhux bix-xahar u lanqas bil-gurnata. Ghalhekk il-preskrizzjoni sollevata mhux applikabbli ghal kaz in ezami."*
*(c) Certament li wasal iz-zmien li dawn il-provvedimenti, li dahlu fis-sehh permezz tal-Ordinanza numru VII tal-1868, jigu riveduti u fejn hemm bzonn emendati sabiex jirriflettu z-zminijiet li qeghdin nghixu fihom. Il-Qorti mhi tara l-ebda raguni ghalfejn ghandu jkun hemm distinzjoni bejn dawk imhallsin bix-xahar u haddiema ohra imhallsin iktar spiss.*

*(d) Il-fatt li fl-Artikolu 2147(c) tintuza l-kelma paga u wkoll salarju, hemm distinzjoni fis-sinifikat taghhom minkejja li fil-hajja ta' kuljum dawn iz-zewg termini jintuzaw b'mod li huma kunsidrati li ghandhom l-istess sinifikat. Il-Qorti taqbel li l-kelma "tal-granet tal-pagi" (fit-test Taljan "pel pagamento delle loro giornate") qeghda tirreferi ghal dawk il-haddiema li jahdmu bil-gurnata. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet Alex Caruana vs Joseph Vassallo deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Dicembru 1978. M'hemmx dubju li l-atturi ma jikkwalifikawx bhala haddiema li jahdmu bil-gurnata.*

*(e) Fl-Att dwar l-Impieg u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) l-Artikolu 2 jipprovdi:- paga tfisser rimunerazzjoni jew qliegh li jithallsu minn principal lil impjegat u tinkludi kull bonus li jithallas kond l-Artikolu 23 minbarra kull bonus jew allowance relatati ma' l-esekuzzjoni tax-xoghol jew mal-produzzjoni" Jidher li din il-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn salarju u paga.*

3. *Hu floku jekk fl-ewwel lok il-Qorti tiddetermina jekk "on call allowance" tikkwalifikax bhala salarju. Id-difensur tal-Korporazzjoni konvenuta jsostni li l-kelma salarju m'ghandix tinghata definizzjoni restrittiva.*

*Fil-kawzi:*

- *Paul Aquilina vs Victor Satariano nomine deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Gunju 1994 fejn gie spjegat li hlas ghal leave ma jaqax taht il-kategorija ta' salarju (ghalkemm is-sentenza kienet b'riferenza ghall-Artikolu 2148(d) tal-Kodici Civili) in kwantu l-Qorti kkonkludiet li m'hemmx ekwivalenza bejn salarju u d-dritt ghal leave.*
- *Lawrence J.M. Galea vs Malta Shipbuilding Co. Ltd deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Dicembru 2003, bonus gie dikjarat li hu soggett ghall-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili wara li l-Qorti qieset li electronics technician kien jidhol fl-espressjoni ta' "artigjan" u li: "Il-Kap 135 fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 2 jiddefinixxi "paga" bhala "rimunerazzjoni jew qligh, li jithallsu bil-flus minn principal lill-impjegat u tinkludi kull bonus li ghandu jithallas skond lArtikolu 29 ta' dan l-Att";*
- *Alexander Ciantar vs Hotels Administration Limited deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru 2003, hlas ta' sahra gie kkunsidrat li hu nkluz fil-hlasijiet kontemplati mill-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili. Il-Qorti ghamlet riferenza ghal*

*sentenza fl-ismijiet Giuseppe Micallef vs Dottor Ernesto Gulia et deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Jannar 1917 (Vol. XXIII.i.320) u Doris Borg et vs Marie Midolo et nomine deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Lulju 2001. Il-Qorti rat din l-ahhar sentenza u tistqarr li ma setghetx tasal ghal xi konkluzjoni dwar it-tip ta' hlas li kien il-mertu ta' dik il-kawza.*

• *Bromford Iron & Steel Co (Med) Ltd vs Mario Caruana deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-30 ta' April 2008 fejn l-Artikolu 2147(c) gie dikjarat li japplika fil-kaz ta' bonus u pagamenti ohra.*

Il-Qorti tkompli hekk:

*Il-fehma tal-Qorti hi li l-kelma "xahar" ghandha tfisser xahar skond il-kalendarju Gregorjan. B'analogija tista' ssir riferenza ghall-Artikolu 103 tal-Kap. 12 li jipprovdi:-*

*Fil-ghadd taz-zmien, il-gurnata tinghadd ta' erbgha u ghoxrin siegha, ix-xahar u s-sena jinghaddu skond il-kalendarju.*

*Jekk wiehed kellu japplika dan it-terminu ta' preskrizzjoni jkun ifisser li ma japplikax minn meta l-atturi bdew jithallsu s-salarju kull erbgha (4) gimghat, ghaliex dan ma jikkwalifikax bhala xahar. Irid jinghad li l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita' taz-zmien preskrittiv, tali dubju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni. Fil-kawza fl-ismijiet Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru 2004 inghad: "Illi ghar-rigward tal-preskrizzjoni msemmija mill-kumpannija mharrka, jinghad li din hija wahda minn dawk imsejhin "preskrizzjonijiet qosra". Ghalhekk, kif inhu mghallem f'dan il-qasam, preskrizzjoni bhal din hija eccezzjoni ghar-regola generali tal-preskrizzjoni ta' tletin sena ghall-azzjoni civili. Ghalhekk, preskrizzjoni bhal din ghandha tinghata tifsira dejqa.". Inoltre kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza Noel Ellul nomine et vs Francis Vella nomine deciza fit-8 ta' Mejju 2001, "L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ghalkemm rikonoxxuta bhala mehtiega biex tassigura illi l-azzjoni tigi ezercitata entro terminu stabbilit biex id-drittijiet*

*u l-obbligi tal-kontendenti jigu debitament accertati, kienet minnha nnifisha odjuza u kellha allura tigi applikata restrittivament".*

Il-Qorti zzid;

*F'dan il-kuntest din il-Qorti taqbel mal-fehma li esprimiet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Martin Abela vs Ramon Spiteri nomine deciza fit-22 ta' Frar 2002 fis-sens li:- "Kif juri s-seba' patt tal-ftehim, izda, is-salarju ta' l-attur huwa stipulat b'tant fis-sena, mhux b'tant fix-xahar; il-preskrizzjoni taht l-art. 2147(c) tal-Kodici Civili ghalhekk ma tghoddx ghall-kaz ta' l-attur, u l-eccezzjoni hija ghalhekk michuda". Tant hu hekk li kwalsiasi kalkoli li jkun hemm bzonn li jsiru, isiru fuq sena salarju.*

Din il-Qorti qed taghmel dan il-hsieb kif kwotat fis-sentenza citata bhala taghha, u tiddikjara li l-perjodu preskrittiv li japplika fil-kaz in ezami huwa dak ta' l-Artikolu 2148(d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-kawza giet intavolata fit-18 ta' Awwissu 2016 u ma jirrizultax li l-atturi pprezentaw xi att gudizzjarju qabel dik id-data biex jinterrompu l-perjodu preskrittiv. Ghalhekk jirrizulta li din it-talba qed issir ferm wara li ghadda l-perjodu preskrittiv ta' tmintax(18)-il xahar.

Ghalhekk din l-azzjoni ormaj hija preskritta. Madanakollu l-Qorti thoss li l-kumpanija konvenuta moralment ma kenitx gusta fit-trattament taghha ta' dawn l-erba' eks impjegati li huma l-atturi, izda l-Ligi hija l-Ligi u sfortunatament l-Qorti kultant jkollha taghti decizjoni li ma tkunx trid taghti.

Ghal din ir-raguni l-Qorti ma thossx li l-atturi ghandhom jbatu l-ispejjez tas-socjeta' konvenuta wkoll wara li ma thallsux tax-xoghol li taw lill-kumpanija konvenuta.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija mis-socjeta' konvenuta, dan pero' tiddikjara li din l-azzjoni hija preskritta skond l-Artikolu 2148(d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**

**Magistrat**

**Vera kopja**

**Nadia Ciappara**

**Deputat Registratur**